***Ruling* mogħti mill-Ispeaker Anġlu Farrugia mogħti fis-Seduta 145 tas-17 ta' Ottubru 2018 dwar punt imqajjem mill-Ministru Chris Cardona, fir-rigward ta' *tweet* tal-Onor. Jason Azzopardi**

Fis-seduta parlamentari tat-Tnejn, 15 ta' Ottubru 2018, fil-ħin tal-mozzjonijiet, il-Ministru għall-Ekonomija, l-Investiment u n-Negozji Żgħar, l-Onor. Chris Cardona, qajjem dan il-ksur ta' privileġġ, u nikkowta:

> "**ONOR. CHRIS CARDONA:** Sur President, nagħmel referenza għal *rulings* li tat din is-Sedja kif ukoll għall-artikli 36, 60 u 61 tal-iStanding Orders. Jien qed nitlob il-protezzjoni tas-Sedja għal dak li ġie rrapportat fi *tweet* tal-Onor. Jason Azzopardi fl-10 ta' Ottubru 2018 fis-7.35 p.m. fejn dan tkellem dwar dak li ġara fil-Parlament dakinhar stess u qal:
>
> > "Ilejla stajtu taraw kif iġib ruħu l-korrott u dak li jiekol il-kirxa mal-qattiela: ma jħallix jitkellem lil min jikxef il-gideb u l-ħażen tiegħu."

Il-Ministru Cardona qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra t-*tweet* li għamel l-Onor. Jason Azzopardi u, filwaqt li rrefera għall-Ordnijiet Permanenti 36, 60 u 61 u kkwota l-Ordni 60, għalaq l-intervent tiegħu billi qal:

> "**ONOR. CHRIS CARDONA:** Inħoss ukoll, imma nħalli f'idejn is-Sedja u għalhekk qed nitlob il-protezzjoni tagħha, li huwa *prima facie* ksur ċar ta' privileġġ tal-Kamra li ġara barra mill-Kamra."

Immedjatament wara l-Onor. Jason Azzopardi talab il-kelma u qal hekk:

> **"ONOR. JASON AZZOPARDI:** Sur President, dak li għadu kemm qal il-Ministru jfakkarni f'dak li kienu jgħidu l-Latini qabel, li skuża mhux mitluba turi ħtija. Għaliex jien imkien ma semmejt ismu f'dak it-*tweet*. Kif jaf li qed nirreferi għalih?!"

Fil-konsiderazzjoni tagħha s-Sedja l-ewwel irreferiet għal dak li jgħid l-Ordni Permanenti 36 u ċjoè:

> "**36.** Mozzjoni dwar kwistjoni ta' privileġġ li tinqala' waqt is-seduti tal-Kamra għandha dritt għall-preċedenza fuq kull xogħol ieħor.
>
> Mozzjoni dwar kwistjoni ta' privileġġ li ma tkunx inqalgħet waqt is-seduta tal-Kamra għandha ssir mal-ewwel opportunità u tista' ssir qabel il-bidu ta' xogħol pubbliku."

Is-Sedja tinnota mill-ewwel li t-talba għall-ksur ta' privileġġ tressqet f'waqtha għaliex is-seduta tat-Tnejn, 15 ta' Ottubru 2018 kienet l-ewwel opportunità li fiha setgħet titressaq din it-talba wara l-pubblikazzjoni tat-*tweet* li qed issir referenza għaliha.

Is-Sedja rat ukoll l-Ordnijiet Permanenti 60 u 61 u tikkwota:

> "**60.** Ebda membru ma għandu juża kliem offensiv jew mhux xieraq kontra l-karattru jew il-proċeduri tal-Kamra jew b'riferenza għal xi membru tagħha. Ebda intenzjoni ħażina ma għandha tiġi attribwita lil xi membru.

**61.** Kull membru li jkun uża kliem oġġezzjonabbli u li ma jirtirax l-istess, jew ma joffrix apoloġija għall-użu tagħhom, għas-sodisfazzjon tal-Kamra, għandu jiġi ċensurat jew trattat xort'oħra kif il-Kamra jidhrilha xieraq, u kull membru msejjaħ għall-ordni għandu joqgħod bilqiegħda kemm-il darba ma jitħalliex jispjega ruħu."

Is-Sedja rreferiet ukoll għall-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113, senjatament l-artikolu 11 subinċiż (4) paragrafi (d) u (j) li jgħidu li jkun reat kontra dan l-Att:

"(d) kull min jaħbat għal Membru, ifixklu jew jinsultah filwaqt
li jkun sejjer jew ġej lura mill-Kamra jew minħabba d-dmirijiet tiegħu fil-Kamra, jew kull min, b'forza, b'insult jew b'tehdid, ifittex li jġiegħel Membru illi jiddikjara ruħu favur jew kontra proposta jew xi ħaġa li tkun għadha miexja jew li tkun sejra tinġieb quddiem il-Kamra;

(j) il-pubblikazzjoni ta' kull libell li jagħti malafama lill-i*Speaker* jew lil xi membru li tolqot xi ħaġa magħmula minnu jew li ntqalet minnu bħala *Speaker* jew bħala Membru fil-Kamra jew f'kumitat tagħha;"

Dan tal-aħħar insibuh ukoll fl-Erskine May *Parliamentary Practice* (24 edizzjoni) f'paġna 263, u nikkwota:

"*Written imputations, as affecting a Member of Parliament, may amount to contempt, without, perhaps, being libels at common law, but to constitute a contempt a libel upon a Member must concern the character or conduct of the Member in that capacity.*"

Is-Sedja hawnhekk tixtieq tirrileva li mill-qari ta' dawn id-dispożizzjonijiet, it-*tweet* inkwistjoni jista' jitqies bħala li huwa derogatorju u malafamanti fil-konfront tal-persuna li - għalkemm mhux imsemmija b'isimha - dwarha kien qed isir il-kumment.

Is-Sedja ħadet nota wkoll tat-talba għal stqarrija ministerjali li l-Onor. Jason Azzopardi kien għamel fis-Seduta 141 tat-8 ta' Ottubru 2018 meta qal hekk:

"**ONOR. JASON AZZOPARDI:** Mr Speaker, nixtieq nistaqsi lill-Gvern: *In vista* tal-aħbarijiet li ħarġu nofs siegħa ilu, fuq is-sit tal-gazzetta *La Repubblica,* li l-Ministru Chris Cardona qed jiġi kkwotat li fil-fatt kien iltaqa' ma' wieħed mill-akkużati fl-omiċidiju ta' Daphne Caruana Galizia f'*bachelor's party* f'Ġunju tas-sena li għaddiet, kif ukoll telefonata li kien hemm minn *fuel smuggler* eżatt kif qata' minn ma' Daphne Caruana Galizia f'Ottubru 2016, wara ċempel lill-Ministru Cardona, u wara lil Alfred Degiorgio llum akkużat, jekk il-Gvern huwiex se jagħmel stqarrija ministerjali fuq dawn l-affarijiet li huma ta' portata nazzjonali."

Kif esprimiet diversi drabi f'*rulings* preċedenti fil-konfront ta' Membri taż-żewġ naħat tal-Kamra, is-Sedja qiegħda terġa' tenfasizza li hija marbuta bl-istess Ordnijiet Permanenti u l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra meta tiġi kemm biex tippresjedi fil-Kamra, kif ukoll biex tiddeċiedi dwar punti li jitqajmu mill-Onorevoli Membri minn żmien għal żmien. Dan, is-Sedja qed tgħidu peress li skont l-istess Ordnijiet Permanenti u l-Kap. 113, il-kummenti li dwarhom tkun qed issir oġġezzjoni jridu jkunu indirizzati lejn persuna identifikabbli minn fost il-Membri tal-Kamra.

F'dan ir-rigward se tagħmel referenza għal *ruling* li kien ingħata għal talba li kienet saret mill-Onor. Mario de Marco fis-Seduta 144 tal-5 ta' Mejju 2014. Nikkwota:

> "Sabiex is-Sedja tasal għal dak li ntalab mill-Onor. Mario de Marco, jiġifieri biex tara jekk hemmx il-ħtieġa li l-Ministru Refalo jissostanzja dak li qal, is-Sedja tagħmel referenza prinċipalment għal dak li hemm f'artiklu 11, subinċiż (4), paragrafu (b) tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati, Kap. 113, u nikkwota:
>
> > "kull insult jew nuqqas ta' qima lill-persuna li tkun tippresjedi laqgħa tal-Kamra jew ta' xi Kumitat tagħha u kull insult jew nuqqas ta' qima lil wieħed mill-Membri tal-Kamra, ukoll jekk dak il-Membru ma jkunx preżenti fil-waqt tal-insult jew tan-nuqqas ta' qima, meta fil-każ il-wieħed jew l-ieħor l-insult jew in-nuqqas ta' qima jsiru quddiem il-Kamra jew ta' xi Kumitat tagħha waqt xi laqgħa tagħhom".
>
> Il-liġi hawnhekk tagħmilha ċara li biex dak li jkun qal Membru, f'dan il-każ allura dak li qal l-Onor. Anton Refalo, jitqies bħala insult, irid ikun insult li jkun indirizzat lejn persuna identifikabbli bħala Membru ta' din il-Kamra. Fil-fatt il-liġi tgħid "lil wieħed mill-Membri tal-Kamra", jiġifieri l-persuna trid tiġi identifikata. Dan joħroġ ukoll ċar minn artiklu 252(1) tal-Kodiċi Kriminali fejn jingħad li l-inġurja trid tkun indirizzata lejn persuna identifikabbli, u nikkwota:
>
> > "Kull min, bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' <u>xi ħadd</u>[1], iweġġgħu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa.".
>
> Fil-każ li għandna quddiemna, l-Onor. Chris Said qal li huwa sema' lill-Onor. Anton Refalo jgħid id-diskors "ġuramenti foloz" *off mike,* filwaqt li jindirizza lin-naħa tal-Kamra fejn hemm l-Oppożizzjoni u fejn kien hemm numru sostanzjali ta' Membri preżenti. L-i*statement* li, skont l-Onor. Chris Said, għamel l-Onor. Anton Refalo, *as such ut sic* ma jikkwalifikax bħala insult lil xi persuna partikolari identifikabbli minn dawk preżenti."

Għaldaqstant, f'dan ir-rigward is-Sedja se tara jekk dak li kiteb l-Onor. Azzopardi fit-*tweet* jistax jinftiehem b'mod li kien qed jagħmel referenza għal Membru Parlamentari partikolari.

Is-Sedja tinnota li għalkemm ma kienx qed jgħid b'mod dirett x'kien ġara fil-Kamra, effettivament b'dak li kiteb l-Onor. Azzopardi fit-*tweet* ftit minuti wara – preċiżament fis-7.35 p.m. wara li ntemm il-ħin tal-Aġġornament tas-Seduta tal-10 ta' Ottubru 2018 – u ċjoè:

> "Ilejla stajtu taraw kif iġib ruħu l-korrott u dak li jiekol il-kirxa mal-qattiela: ma jħallix jitkellem lil min jikxef il-gideb u l-ħażen tiegħu.",

kien qed jagħmel referenza b'mod indirett għal dak li seħħ fil-ħin ta' dan l-istess Aġġornament.

Bla dubju, għal kull min kien preżenti għas-Seduta tal-10 ta' Ottubru 2018 jew kien qed isegwi l-istazzjon tal-Parlament, b'dan it-*tweet* fehem li l-Onor. Azzopardi kien qiegħed jirreferi għal

[1] Sottolinjat għall-enfasi

Membru partikolari li kien qed iqajjem numru ta' *points of order* waqt id-diskors tal-Onor. Simon Busuttil fil-ħin tal-Aġġornament; l-istess Membru li l-Onor. Azzopardi kien irrefera għalih fis-Seduta 141 tat-8 ta' Ottubru 2018 fuq ċitata fil-kuntest tal-investigazzjonijiet li għaddejjin dwar il-qtil tas-Sinjura Daphne Caruana Galizia.

Biex tasal għal deċiżjoni dwar jekk it-*tweet* tal-Onor. Azzopardi tistax tinftiehem li qed tirreferi għal xi Membru tal-Kamra, is-Sedja rreferiet ukoll għal dak kollu li ġara fl-Aġġornament tas-Seduta tal-10 ta' Ottubru 2018. F'dan l-eżerċizzju s-Sedja ħadet nota tad-diversi Membri Parlamentari li qajmu *points of order* waqt li l-Onor. Simon Busuttil kien qed jindirizza l-Kamra, b'mod manifest il-Ministru Chris Cardona, l-Onor. Byron Camilleri, l-Onor. Edward Zammit Lewis – f'okkażjoni waħda – u jinstema' wkoll l-Onor. Glenn Bedingfield. *Off mic* jinstemgħu wkoll l-Onor. Rosianne Cutajar u l-Onor. Michael Farrugia. Is-Sedja nnotat li preżenti waqt il-ħin kollu ta' dan l-Aġġornament kien hemm ukoll l-Onor. Jason Azzopardi u l-Onor. Karol Aquilina.

Is-Sedja nnotat ukoll li l-Onor. Chris Cardona kien fost l-iktar Membri li beda jqajjem *points of order* u jinterrompi, tant li f'mument minnhom id-Deputy Speaker talbet sabiex jintefa' l-*microphone* tal-Onor. Cardona, u f'mument ieħor qaltlu sabiex jikkontrolla ruħu għaliex kien se jkollha titolbu jirtira mill-Kamra. Is-Sedja semgħet ukoll lill-Onor. Simon Busuttil jagħmel referenza għall-Ministru Cardona meta lis-Sedja qalilha dan li ġej:

> "**ONOR. SIMON BUSUTTIL:** Sinjura President, qed jimpressjonani ħafna l-Minsitru Cardona llejla! Vera qed jimpressjonani!"

u aktar tard jgħid ukoll:

> "**ONOR. SIMON BUSUTTIL:** Infakkar lill-Ministru Cardona li hawnhekk la qiegħdin *bachelor's party* u lanqas burdell!".

Is-Sedja qieset dak li ntqal fl-Aġġornament hawn fuq ċitat ukoll fid-dawl tat-talba għall-istqarrija ministerjali li saret mill-Onor. Jason Azzopardi jumejn qabel fil-Parlament. Abbażi ta' dan, is-Sedja qed tasal għall-konklużjoni li allura t-*tweet* tal-istess Onor. Azzopardi ma kienx wieħed ġeneriku – kif kien il-każ fir-*ruling* imsemmi aktar 'il fuq – iżda kien qed jirreferi għal Membru Parlamentari identifikabbli, il-Ministru Chris Cardona.

Għaldaqstant, fid-dawl tal-Ordnijiet u dispożizzjonijiet hawn fuq ċitati, kif ukoll fid-dawl ta' kif kienet obbligata tiddeċiedi s-Sedja fir-*ruling* imsemmi, din is-Sedja qiegħda tiddeċiedi li l-kliem kontenut fit-*tweet* imur kontra l-Ordni Permanenti numru 60 u li l-każ imqajjem jammonta għal *prima facie* ksur ta' privileġġ taħt l-artikolu 11 tal-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra, Kap 113.

Minkejja dan, abbażi ta' dak li jgħid l-Ordni Permanenti 61, is-Sedja hija lesta li tirrevedi d-deċiżjoni tagħha kemm-il darba l-Onor. Azzopardi joffri apoloġija għall-użu tal-kliem użat fit-*tweet* inkwistjoni, għas-sodisfazzjon tal-Kamra.